



Brussell, 27 ta' Settembru 2024
(OR. en)

13105/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0370(COD)

CODEC 1767
COMPET 879
BETREG 25
ENT 170
MI 777
PECHE 337

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1379/2013, (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fis-17 ta' Ottubru 2023 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikoli 43(2) u 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Diċembru 2023².
3. Fit-28 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr revizzjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-16 sad-19 ta' Settembru 2024. Ir-rettifika tirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 15897/23.

² ĠU C, C/2024/1587, 5.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1587/oj>.

³ 13746/24.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa b'hekk mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument

PE- CONS 58/24, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss, bis-Slovakkja tivvota kontra.

5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
